MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 737/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs.**

**Michele Pisani**

**Illum 6 ta' Dicembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michele Pisani, iben Emanuel u Carmela nee` Ellul, mwieled Zabbar nhar is-17 ta' April 1935, residenti gewwa 'Caroline', Triq San Tumas, Fgura u detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 345635M gie akkuzat talli:

Fis-6 ta' Awissu 2004 u fix-xhur ta' qabel, gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamel qliegh ta' Lm300 (tliet mitt Lira Maltin) ghad-dannu ta' Bernardo Farrugia detendur tal-karta ta' identita 167738M u persuni ohra u dan ai termini ta' l-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qligh iehor b'qerq ghad dannu tal-imsemmi Bernardo Farrugia u dan ai termini ta' l-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkustanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel, bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu, jew hatt bini, jew kisser il-mixi ta' l-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor, u dan ai termini ta' l-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok DZ3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat iddikjara fil-verbal tas-seduta ta' llum li hu m'ghandux htiega ta' avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat dwar id-dritt tieghu li jkun rapprezentat minn avukat u l-imputat rega' ddikjara li m'ghandux htiega ta' avukat.

Innutat ukoll li fis-seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-parte civile Bernardo Farrugia iddikjara fil-verbal tas-seduta ta' llum li l-imputat issa issetilja kollox mieghu.

Rat l-artikoli 308, 309 u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Michele Pisani, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-verbal tas-seduta ta' llum il-parte civile Bernardo Farrugia iddikjara li l-imputat issa issetilja kollox mieghu, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Michele Pisani ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) –il xahar prigunerija u tordna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Michele Pisani jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Michele Pisani l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------